# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU TLETIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar L-Erbgħa 6 ta' Diċembru, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |
| Skużati : | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | |
| Uffiċjal Preżenti: | Romina Perici Ferrante | - | Deputat Segretarja Eżekuttiva | |
| | Monica Formosa | - | Clerk | |
| Udjenza : | 0 | | | |

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti nru. 29
2. Komunikazzjoni mis-Sindku.
3. Mistoqsijiet
4. Programm 'Rigal lill-Anzjani'
5. Triq iż-Żewġ Mini
6. Premjijiet Tiżjin Gallarijiet
7. Qualicities Local Committe
8. Riżoluzzjonijiet

## 30 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Tressqu il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill nru 29.

Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva dawn il-minuti nem com kif preżentati.

## 30(2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta' rendikont tal-ħidma u laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

### 30(2) 1 Il-Mument – Is-Sindku ta' l-Isla jghid tieghu

Is-Sindku Joseph Casha qara l-ittra li kiteb lill-Mument bhala risposta lic-Cittadin mill-Isla kiteb f'il-Mument tat-12 ta' Novembru 2006 bit-titlu 'Kunsill ghajjien'. (mhemuza)

### 30(2) 2 Reġjun ta' Abbruzzo – bizzilla – 2007-2013

Is-Sindku Joseph Casha qal li r-Reġjun ta' Abruzzo bghatu jinfurmawna dwar Proġett 2007-2013 dwar 'produzzjoni tal-Bizzilla'. Is-Sindku fakkar li f'Awissu 2006 ġie miftiehem li se nkomplu nahdmu flimkien. Iridu risposta sa l-ahhar ta' Dicembru 2006 jekk irridux inkunu bhala Partners flimkien ma Scanno. Is-Sindku sahaq li fil-Lokalita' tal-Isla hemm nies kapaci ghal dan ix-xoghol. Qal ukoll li bhala kunsill mhux ser johroġ l-ebda fondi ghal dan il-proġett.

Il-Kunsill qabel unanimament fuq il-kuncett tal-edukazzjoni u ghal daqstant, ġie rrakomandat li l-Kunsill japplika ghal din l-inizjattiva.

### 30(2) 3 Laqgħa mal-Major Ripard

Ghal din il-laqgha attendew is-Sindku s-Sur Joseph Casha, is-Sur Louis Henwood u is-Sur Reno Chircop, flimkien ma' Monica Formosa mill-istaff. Ghall-beneficcju tal-Vici Sindku s-Sur Walter Ahar li ma kienx prezenti ghal din il-laqgha, is-Sindku qara l-minuti ta' din il-laqgha. (Minuti mehmuza).

Is-Sindku qal li trid issir Surv ey minn wara l-Festi tal-Milied biex ghas-Sajf li ġej, nibdew nahdmu.

Fuq ir-Resident Parking Scheme, is-Sindku qal li ma rridux li kull min jiġi l-Isla jaqta' qalbu li jidhol. Irid jinholoq kumitat u l-minuti tal-laqghat jitpoġġew fin-

notice board u naghmlu nota biex jekk hemm xi hadd interessat jaghti l-kontribut u l-idejat tieghu, jghaddihom lill-Kunsill.

30(2) 4 **Programm fuq Smash TV mis-Senglea Nursery**

Deher fuq dan il-programm l-istat hazin tal-Ground tal-Ponta inkluz hmieġ tal-klieb. Deher ukoll il-bejt tas-Sede li ġie maghzul mil-Kumitat tan-Nursery biex it-tfal jittrenjaw fih.

Gie nnotat min dan il-programm li ma kien hemm ebda kumment pozittiv u favur il-Kunsill la mill-Genituri u l-anqas mill-President ta ' l-istess Nursery. Gie msemmi biss li l-Kunsill se johroġ il-flus jekk il-proġett isir. Saru ringrazzjamenti u ghal darba ohra il-Kunsill ma ssemmiex. Jekk jinhareġ il-permess tal-MEPA is-Sindku qal li ser jerġa jiddiskuti dan l-issue.

- Hadd mill-Genituri ma kien kapaci jghid li l-permessi huma mizmu ma mill-MEPA
- Il-Kumitat kif ukoll il-Coaches tan-Nursery jiddikjaraw li fejn qieghdin jittrenjaw huwa perikoluz hafna u jzomm hafna ilma.
- Il-President jiddikjara li l-bejt tas-Sede huwa bil-madum u jizloq hafna. Huwa ghamel ringrazzjament fejn semma lill-Arcipriet u lill-M.F.A. biss. Sar appell mill-President tan-Nursery Stephen Spiteri li jitlob lill-MEPA li l-applikazzjoni li ghamel tiġi accettata, u dan meta l-applikazzjoni ghamilha l-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jaghmel il-Kundizzjonijiet u ssir laqgha mal-President tan-Nursery meta l-approvazzjoni tal-applikazzoni tasal.

Is-Sur Louis Henwood qal li ghandu jintalab id-dritt ghal-risposta lill-Smash TV. Is-Sindku qabel biex il-Kunsill jikteb lill-Smash TV ghal Right of Reply.

30 (2) 5 **Zewġ ittri lil Ray Bondin – Koordin atur tal-Kumitat Riabilitazzjoni Kottonera**

L-ewwel ittra tirreferi ghal Restawr tal-Arzella li hemm fi Triq l-Arkati, kif ukoll jiġi rranġat ir-rixtellu tal-hadid.

L-ittra l-ohra tiġbed l-attenzjoni tal-Kumitat ghar-Riabilitazzjo ni li x-xoghol ta' dawl f'Nicca Sant'Anna ghadu ma bediex.

Is-Sur Louis Henwood semma il-Kanun mas-Swar u l-possibilita' li hemm biex dan jinqala. Is-Sindku ssuġġerixxa li nistennew ir-Rendikont Finanzjarju ta' Marzu 2007, biex naraw xi prijoritajiet ser naghtu bhala Kunsill.

30 (2) 6 **Ittra minghand il-Mem bru Parlamentari Ewropew Joseph Muscat**

Qed jghid li jekk hemm xi haġa li l-Kunsill jista japplika ghaliha u nibbenifikaw minnha biex jghinuna.

Il-Kunsillier Louis Henwood qal li l-Kunsill propona hafna affarijiet u ma jiġux attwati, bhal per ezempju l-Capstan. Is-Sindku qal li l-Permess tal-MEPA ghadu ma ġiex approvat. Il-Base tal-Capstan u Railing tal-Hadid sa jiswew mat-Tlett Elef u Hames mitt Lira skond l-Istima tal-Perit. Is-Sindku qal li l-ewwel irridu naraw il-finanzi biex naraw x'nistghu naghmlu.

Il-Kunsillier Louis Henwood sahaq li jrid hu kollu ghal ġid tal-Lokalita' biex insebbhu l-Isla. Huwa poġġa fuq il-mejda biex il-Kunsill jarhom zewġ brochures – Malta at War Museum – A handout for Visitors mahruġ mill-Fondazzjoni Wirt Artna u The Malta G.C. Wartime Movie mahruġ mill-Malta Heritage Trust.

Is-Sindku qal li s'issa m'hemmx progress fuq il-Culit.

30 (2) 7 **Hwejjeġ Ohra - Laqgħa mal-Enemalta**

- Is-Sur Louis Henwood qal li fl-Isla hemm periklu minħabba l-Wires mill-Main tal-Gvern huma mġonġijin bit-tape ma' xulxin u dan madwar l-Isla kollha. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jikteb lill-Enemalta biex ngħidu bil-problemi li hemm u ngħabbu u lill-Enemalta bir-responsabbilita u nzommuhom responsabbli jekk jiġri xi ncident. Is-Sindku qal li għandha ssir laqgħa u nduru l-lokal fejn qed ninnutaw ħazin. Jiġu l-ħaddiema tal-Enemalta on site u nuruhom fejn hemm ħazin.

30 (2) 8 **Korrispondenza mibgħuta u rċevuta mil-23 ta' Novembru – s-6 ta' Dicembru 2006**

| | |
|---|---|
| **04/2196/06/I** | **Asso cjazzjoni tal-Kunsill – Protesta kontra *Xarabank***<br><br>L-Assocjazzjon i tal-Kunsill tipprotesta kontra l-Programm Xarabank li sar nhar il-Gimgħa 10 ta' Novembru dwar suġġett ta' l-infurzar tal –liġi permezz tal-Gwardjani Lokali . |
| **04/2198/06/I** | **Asso cjazzjoni tal-Kunsill – Punti pendenti**<br><br>L-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tikteb lid-Direttur dwar tlett punti pendenti li hemm mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali<br>-Bring-in-Sites li hemm nu qqas ta' informazzjoni<br>-Devoluzzjoni tad-Dawl biex isir appuntament mac-Chairman tal-Enemalta<br>-Fakulta għall-Kunsilliera biex iwettqu l-ħidma tagħhom |

| | |
|---|---|
| 04/2199/06/I | **Memo 32/2006 – Ezempji ta' Prattici Tajbin fi Proġetti ta' l-Unjoni Ewropeja**<br><br>Mid-Dipartiment tal-kunsilli Lokali ħareġ dan il-Memo dwar Seminar ta' Gurnata b'tema Ezempji ta' Prattici Tajbin minn Kunsilli Lokali fi Progetti tal-Unjoni Ewropeja, li sa ssir il-Gimgħa 15 ta' Dicembru 2006.<br><br>Is-Sindku ta' prezentazzjoni tal-esperjenza tal-Kunsill tagħna. |
| 04/2204/06/I | **Further information – Employment/Social Policy**<br><br>Dokument ta' 30 paġna dwar Employment, Social Policy, Health and Consumer Affairs Sub Committee li huwa maħruġ mill-European Commission. Ronald Mizzi tel : 25909319. |
| 04/2205/06/I | **Memo 33/2006 – Hinijiet ta' l-ufficcju u Tipjip f'Postijiet Pubblici**<br><br>Maħruġ mid-Direttur tal-Kunsilli Lokali dwar ħinijiet ta' l-ufficcju u tipjip f'postijiet miftuħin għall-pubbliku, b'mod specjali l-għada tal-Festa jew kazijiet oħra meta l-istaff ikun assenti kompletament mill-ufficini tal-kunsill jew minħabba mard. |
| 04/2208/06/I | **Jose' Herrera – Draft tal-Bye Law**<br><br>Wara laqgħa li saret fl-ufficcju tal-Avukat Jose' Herrera intbgħat fil-Kunsill id-Draft tal-Bye Law dwar kiri tas-Sala tal-Kumitat fil-Bini tal-Kunsill Lokali tal-Isla u ta' Gnien il-Gardjola fi Triq is-Sur. |
| 04/2210/06/1 | **Lorenzo Gafa School – Premjazzjoni Skola S ekondarja**<br><br>Il –Head ta l-Iskola Sekondarja bgħatu stedina lis-Sindku għal Għoti tal-Premijiet li ser issir nħar it-Tnejn 12 ta' Dicembru 2006.<br><br>Attendenza tas-Sindku konfermata ghall-Jum il-Premjazzjoni fejn inghataw 6 DVDs u 6 kotba. |
| 04/2216/06/I | **Nomina – Nazzareno Vassallo Award**<br><br>Talba ghan-nomina tad-9 edizzjoni ghall-anzjani msejjħa Nazzareno Vassallo Award li jridu jaslu sat-12 ta' Dicembru 2006. |
| 04/2217/06/I | **Senglea Athletic Youth Nursery – Coffee Morning**<br><br>Talba mis-Senglea Athl etic Nursery biex jorganizzaw Coffee Morning fis-Sala tal-Kunsill fis-6 ta' Dicembru 2006. |
| 04/2218/06/1 | **Acknowledgment for the ReApplication for Erection of Gate**<br><br>ReApplication for Erection of Gate to enclose 5-A-Side Football Pitch PA 07273/06. |
| 04/2229/6/I | **Librar Seminarju tal-Virtu**<br><br>Talba mill-Librar Robert Pisani tas-Seminarju tal-Virtu biex nibghatu |

| | |
|---|---|
| | Pubblikazzjonijiet dwar il-lokalitajiet. |
| **04/2230/06/I** | **Ghaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori – Organizazjoni tal-Mazzri**<br><br>Talbu biex jaghmlu sinjali sofor fit-tarf man-naha tal-bahar A1/A2/A3 biex l-opri al-bahar ikunu aktar organizzati bejn Frar u Mejju 2007.<br><br>Gie deciz mill-Kunsill biex issir laqgha maghhom u li ma jaccettawx li jitpoġġew opri tal-bahar fuq il-paviment u jinzebghu s-Sinjali ghax tkerrah il-paviment u minflok tnaddaf tkun qed thammeġ. |
| **04/2234/06/I** | **Abruzzo – Promozzjoni tal-Bizzilla**<br><br>Mir-Reġjun ta' Abruzzo talbuna biex niehdu parti fi Proġett interessanti hafna u wkoll ta' l-ewwel li ser jiġi organizzat kif nippromovu il-Bizzilla. Huma stiednu l-Isla, Scanno , u Abruzzo u jista jkun ukoll Neus. Huma bghatu id-dokumenti kollha bhala kopji. |
| **04/2240/06/I**<br>**04/2276/06/I** | **Proġett Ministeru tal-Edukazzjoni**<br><br>Proġett imniedi mill- Ministeru tal-Edukazzjoni li huwa msejjah ' Proġett Reġjonali' li se jippartecipaw dawn il-Kunsilli – Bormla, Kalkara, Isla, Birgu Xghajra , Zabbar. Talbu biex niffissaw data li tkun accettata minn kullhadd biex issir l-ewwel laqgha. |
| **04/2244/06/I** | **Ittra mill-Arcipriet tal-Isla datata 27 ta' Novembru 2006**<br><br>Is-Sindku qara l- ittra tal – Kan Joe Grechu stqarr li huwa kien cempel li l l- wiehed mil l-haddiema biex jitla fejn l-arkata sabiex jiccekkja l-access, u dan qal li kien imbarrat . Baghat tnejn ohra biex dawn jiccekkjaw ukoll. Huma qalu li jidher imsakkar b'muftieh antik . Wara s-Sindku kkonsulta mal-Kunsillier Louis Henwood u mar mal-Vici Sindku u sab l-istess haġa , u b'hekk baghat l-ittra b'risposta lill-Arcipriet (kopja mehmuza). |
| **04/2246/06/1** | **Acknowledgemen t - Deputat Segretarju**<br><br>M id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali nfurmawna li rcevew l-ittra tal – Kunsill dwar in-nomina ta' Deputat S egretarju Ezekuttiv |
| **04/2247/06/I** | **Grupp Gwardjola Isla – Get Together**<br><br>Grupp Gwardjola Isla talbu biex jorganizzaw get together fis-Sala tal-Kunsill fit-28 ta' Dicembru 2006 |
| **04/2249/06/1** | **Dipartiment Gvern Lokali - Mistoqsija Taxis**<br><br>Mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali Gemma Debono talbet lis-Sindku biex jibghat l–informazzjoni mitluba sal-4 ta' Dicembru dwar infieq fuq Taxis. |
| **04/2254/06/1** | **Europe Direct – Stedina**<br><br>Europe Direct stiednu lis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghall–breakfast meeting li ser issir fis-7 ta' Dicembru fil-Victoria Hotel , Sliema |

| | |
|---|---|
| 04/2261/06/1 | **Frans Mizzi – Reserved Parking - Disabled**<br><br>Is-Sur Frans Mizzi li ghandu l–card tad-Disabilita talab biex ikollu reserved parking ghall-karozza specjali tad-disabled kwazi quddiem il – Garage tieghu.<br><br>Trid issir domanda lill-ADT u kif il-Kunsill ikollu r-rakomandazzjoni mill-ADT tinghata din l-ghajnuna. |
| 04/2271/06/1 | **Spettur Michael Mallia – talba ghal laqgha**<br><br>L-Ispettur Michael Mallia DIK ghamel talba biex issir laqgha mieghu fl-Ufficcju tal–Kunsill sabiex tiġi diskussa s-sitwazzjoni fil-lokalita' dwar kriminali. |
| 04/2274/06/1 | **Senglea Nursery – Programm Smash TV**<br><br>Ittra mill-President tas-Senglea Nursery Stephen Spiteri dwar sejha lill-membri Parl amentari biex isegwu l –programm tele visiv tas-Smash TV dwar in-Nursery fl-Isla. |
| 04/2280/06/l | **Jose' Herrera – Emendi tal-Bye Law**<br><br>L-Avukat Jose' Herrera bghat l-emendi li ġew approvati fil-laqgha tal-Kunsill Nru. 29 li saret fit-22 u 29 ta' Novembru rispettivament. |
| 04/2283/06/1 | **Euro Changeover – Meetings ghar-Residenti**<br><br>Mill-Kumitat Euro Changeover qeghdin jitolbu lill-Kunsill biex jibdew jiġu organizzati meetings ghar-Residenti fuq dan is-suġġett . |
| 04/2285/06/1 | **Dipartiment Ghall–Gvern Lokali – Seminar**<br><br>Ircevejna draft programm u formula ta' reġistrazzjoni ghal Seminar ta' Gurnata b'tema 'Ezempji ta' Prattici Tajbin mill-Kunsilli fi Proġetti tal-Unjoni Ewropeja'.<br><br>Il-Kunsill flimkien ma hames Kunsilli ohra se naghmlu presentation. |
| 04/2286/06/1 | **Direttur tal-Kunsilli Lokali – Deputat Segretarju Ezekuttiv**<br><br>Ghad-Direttur tal-Kunsilli Lokali Romina Scerri bghatet tinfurmana li n-nomina tal-Kunsill ghas-Sinjorina Monica Formosa ma ġietx accettata ghax sal-lum m'ghandiex il-kwalifiki necessarji. |

## 30 (3) Mistoqsijiet

Is-Sindku qal li hemm zewġ mistoqsijiet li huma pendenti : dik tal-Kunsilliera Charmaine Gerada rigward it-Taxis u l-ohra fuq id-devoluzzjoni tal-Gnien tal-Gardjola. Huwa qal li mhux etika li jirrispondi il-mistoqsija fin-nuqqas tagħha. Is-Sindku qal li kiteb lid-dipartiment bit-tweġiba għal-mistoqsijia tal-Kunsilliera Charmaine Gerada. Huwa qal ukoll li din it-

tweġiba għandha tinqara fil-preżenza tal-kunsilliera fil-laqgħa li jmiss u wara jirrispondi għal dak li deher fil-ġurnal 'Mument'.

## 30 (4) Programm 'Rigal lill-Anzjani'

Il-Programm ġie kkoordinat minn Donna Marie Ellul.

- Charlie Attard – 20 minuta
- Enzo Guzman, id-Dulli, u Edwin Galea ser jiswew b'kollox Lm 120.
- Il-Kantanti zghar ser jinghataw token zghir
- Diskussjoni ghall-Anzjani minn Joe Gerada tal-Access
- Toni Bonello – Palk zghir
- 175 siġġu mikrija u s-Social Club ser jiprovdi 50 siġġu iehor
- Rigali 175 ghan-nisa u 45 ghall-irġiel jinghataw inbid u pannettone
- 4 Quotations ghall-ikel tal-Attivita' – James Confectionery Lm 113 6 items, Neriku Lm 106 6 items, La Dolce 50c per person 5 items, St. Philips Confectionery Lm 120 6 items. Intaghzlet il-Quotation ta' Neriku minhabba li hi l-irhas offerta.
- P.A. System David Grasso Lm35

Is-Sindku talab lill-Kunsilliera kollha biex ikunu prezenti biex ikunu jistghu jintegraw mar-residenti.

## 30 (5) Triq iz-Zewġ Mini

Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret laqgħha mal-Perit Lawrence Mintoff u il-kuntrattur tal-Pada Builders fejn ġie suġġerit li fit-telgħa ta' Triq iż-Żewġ Mini, ma kull tlett tarġiet fil-paviment tiġi pjanura non slip. Il-Vici Sindku s-Sur Walter Ahar fakkar lis-Sindku biex jghid lill-Perit fuq ix-xibka meta jingħata il-konkos.

B'referenza għat-talba tal-Viċi Sindku Walter Ahar dwar il-problema ta' fuq is-sur ghax izomm l-ilma, l-perit qal li jaghmel stima biex jigrifa u jaghmel 2 jew 3 pulzieri tarma, li żgur ser tiswa il-fuq minn Lm5,000. Is-Sur Walter Ahar issuġerixxa li jsir gandott biex l-ilma jimxi ghal ġol-culverts.

Imma l-akbar problema hija li qabel isir dan ix-xogħol irridu l-approvazzjoni ta' l-ADT u il-Water Services Corporation.

Rigward il-problema ta' hdejn l-Bring in Sites, fi Triq is-Sur, kantuniera ma Triq San Mikiel, hemm bzonn li nġibu CCTV biex naraw il-kanal hux miftuh jew jekk hux maghluq. Gie nnutat li l-ilma wara saghtejn jiskula. Il-Vici Sindku s-Sur Walter Ahar ssuġerixxa li naghmlu kanal. Meta jkun hemm sadd, huwa viabbli li taghmel katusa taht 2 piedi gholi biex tiġi over flow, u l-illma jimxi mill-ewwel. Gie deciz li l-ewwel nippruvaw CCTV u nimxu minn hemm wara li naraw ir-rizultat. Is-Sur Louis Henwood qal li fi Triq San Giljan, taht it-taraġ hemm sprall u mhux ikkomunikat, u jahseb li f'dan il-kaz fejn hemm il-Bring in Sites, ġara l-istess haġa.

## 30 (6) Premijiet Tizjin Gallarijiet

Gew ikkonfermati dawn il-premijiet ghall din l-inizjattiva :

- Fantasy Tours – 4 vouchers Lm 100 l-wiehed
- Untours – 1 ticket tal-Katamaran
- KD Travel – 1 flight Catania
- Hotel San Antonio - 2 weekend breaks
- Paradise Bay Hotel – 1 weekend break
- Buġibba Holiday Complex Weekend Break Bed & Breakfast
- Zammit Nurseries – Lm 25
- Carters Supermarket – Lm 25
- Transline – Lm 25 cash
- Bronk Productions – Lm 30 videos
- N.N. – Lm 25 voucher ((għadu ma tax risposta)
- General Soft Drinks – kkonferma rigali
- Simonds Farsons – 4 Kaxxi juices
- N.N. offra cheque Lm25
- Bank of Valletta – Lm20

## 30 (7) Qualicities Local Committee

Ġie suġġerit mill-Kunsill li Il-Vici Sindku s-Sur Walter Ahar ġie nkarigat biex jistaqsi lil Joe Scerri fuq rigward ta' Kultura, u s-Sur Reno Chircop ġie nkarigat biex jistaqsi lil Joseph Abela. Gie ssuġġerit li l-Kunsillier Louis Henwood, ikun fil-kumitat fejn tidhol Beltna, is-Sinjorina Christine Perici fejn tidhol Ekonomija, Joe Bonello fejn jidhol Turizmu u s-Sur Vince Debono il-gwida.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li talab lill-għaqdiet biex ikunu fil-kumitat li jixtieq li jitwaqqaf biex niddiskutu l-aspetti kollha fil-lokal, tlett għaqdiet biss irrispondew li huma għas-Soċjeta' La Vincitrice, Lorry Azzopardi, għal Kunsill Parrokjali, Joe Robinich u għas-Senglea Nursery, Victor Zarb.

Is-Sindku qal li ta żmien biżżejjed biex jifforma ruħu dan il-kumitat u issa ser jipproponi huwa minn għandu jkun f'dan il-kumitat.

## 30 (8) Rizoluzzjonijiet

7/2006 - Attivita Anzjani (mehmuza)
8/2006 - Attivitajiet Kulturali u Socjali (mehmuza)
9/2006 – Tizjin fi Triq il-Vitorja (mehmuza)

Il-laqgħa ntemmet fit-9.15pm

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Romina Perici Ferrante
Deputat Seġretarja Eżekuttiva